MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 412/2008

**A B**

**vs**

**C D D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet :

1. Illi minn relazzjoni li kellha mal-konvenut twieled tifel jismu E fl-10 ta' Frar 2008;
2. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet;
3. Illi bejn il-partijiet inqalghu disgwidi serji dwar il-kura u kustodja tal-minuri kif ukoll dwar l-access u l-manteniment ghal minuri;

4. Illi minkejja tentattivi sabiex jintlahaq ftehim anki permezz tal-process ta’ medjazzjoni; baqa’ ma ntlahaq l-ebda ftehim u ghalhekk kellha tinghalaq il-medjazzjoni;
5. Illi l-esponenti thoss li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tieghu jigu fdati f’idejha b’access regolat ghall-intimat;
6. Illi l-esponent taf b’dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti :

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E f’idejn l-attrici, b’access ghall-konvenut fil-hinijiet u l-granet li tifissa din l-Onorabbli Qorti u taht il-kundizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa fl-ahjar interess tal-minuri;
2. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri E skond kif ifissata mill-istess Onorabbli Qorti;
3. Tiehu dawk il-provedimenti kollha l-ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa sabiex jithares l-ahjar interess tal-minuri E;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attrici mhijiex persuna idonea u responsabbli bizzejjed sabiex tkun fdata bil-kura u kustodja tal-minuri, E D u dan kif ser jigi ampjament ippruvat fil-kors ta’ din l-odjerna kawza;

2) Illi l-konvenut, C D D umilment jemmen illi jekk hemm persuna li ghandha terfa r-responsabbilita` ta’ ibnu l-minuri huwa l-istess konvenut u ghalhekk qieghed jippresenta kontro-talba sabiex l-kura u kustodja tal-minuri E D tkun fdata lilu;

3) Illi ghar-ragunijiet premessi, u salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici;

Rat il-kontro-talba imsressqa mill-konvenut kontestwalment mar-risposta guramentata tieghu li in forza taghha, wara li ppremetta:

1) Illi l-konvenut javalla ruhu mill-azzjoni attrici sabiex jipproponi azzjoni rikonvenzjonali, u dan ai termini ta' l-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Illi l-konvenut jirrileva illi l-attrici rikonvenzjonata mhijiex persuna idonea sabiex trabbi tfal u dan stante l-karattru rresponsabbli taghha u dan kif ser jigi ampjament ippruvat f' din l-odjerna kawza;

3) Illi l-attrici rikonvenzjonata ghandha storja twila u negattiva ghal dak li jirrigwrdja t-trobbija tat-tfal. Illi l-attrici rikonvenzjonata diga' ghandha erbat itfal ohra minghand irgiel ohra, fuq tlieta minn dawn it-tfal inharget *care order* u tifla ohra tinsab taht *foster care* ghand familja;

4) Illi l-konvenut, C D D bl-akbar rispett jirrileva illi l-ambjent li tghix fih l-attrici rikonvenzjonata, u li huwa espost ghalih ibnu l-minuri, E D, mhux ambjent san u adegwat li jigi mrobbi fih l-imsemmi minuri u dan peress li f'dan fl-imsemmi post li tghix fih l-attrici rikonvenzjonata hemm problemi socjali kbar;

5) Illi r-raguni ghaliex ulied l-attrici rikonvenzjonata tpoggew taht *care orders* kienet li, l-istess tfal kienu gew abbuzati u kif ukoll ghal mod ta' trobbija li kienu qed jiehdu minghand attrici rikonvenzjonata. Dan kollu jista' jigi kkonfermat mis-social workers tal-Agenzija Appogg u li kienu nkarigati minn dan il-kaz. Di piu, wahda minn ulied l-attrici rikonvenzjonata tbati minn problemi mentali u f'zewg okkazjonijiet minnhom din it-tifla kienet ser taqbez mit-tieqa tal-iskola sekondarja, St Gorg Preca College, tal-Marsa u kif ukoll tefghet sikkina lill-gara taghha, certa F G. Rigward dawn iz-zewg episodju hemm nies li lesti jixhdu;

6) Illi l-konvenut, in oltre jirrileva illi l-istess A B ghandha problemi finanzarji kbar u ghandha djun pendenti ma’ diversi persuni, allegatament anke bl-uzura. Di piu, l-istess appartament illi tirrisjedi fih A B, jinsab gravat b’mandat ta’ qbid mahrug mill-Kummissarju tal-Artijiet stante inadempjenza tal-kera tal-istess appartament. Illi l-istess konvenut kien dahal garanti ghall-istess attrici rikonvenzjonata u dan wara li d-Dipartiment tal-Artijiet ried lil xi hadd sabiex jidhol garanti ghall-attrici rikonvenzjonata. Kopja tal-Mandat ta’ Qbid jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok MAB ‘1’;

7) Illi dawn il-*care orders* li nhargu fuq ulied l-attrici rikonvenzjonata huma minhabba, a) komplicita` ta’ abbuz sesswali, b) minhabba illi kienu jithallew wehidhom sabiex hija tkun tista’ tohrog wehidha u tmur mal-hbieb tiddeverti u tgawdi, c) minhabba li kienu qieghdin issofru il-guh d) u kif ukoll minhabba li kienet tabbuza mid-droga quddiemhom.

8) Illi l-attrici rikonvenzjonata, barra illi ghandha karattru vjolenti, allegatament tabbuza ukoll mid-droga. In oltre, f’episodju minnhom l-istess attrici rikonvenzjonata kienet feriet hafif lill-istess minuri, E D waqt argument li hija kellha mal-istess konvenut meta hatfet bil-herra l-istess minuri u sabtitu fil-pram. Dan l-incident partikolari kien ukoll rapporatat lill-pulizija. Certifikat mediku mit-tabib kuranti tal-minuri, Dr. Stephen Spiteri, u kif ukoll ir-rapporti li kienu saru lill-pulizija jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala Dok MAB ‘2’u DOK MAB ‘3’;

9) Illi, l-konvenut, mill-banda l-ohra bl-ebda mod ma jixtieq li jcahhad lill-minuri minn ommu, izda jhossu obbligat, bhala missier il-minuri E, li jerfa` kull responsabbilita` sabiex ikun jista` jittutela u jissalvagwardja lill-ibnu minuri minn dawn il-problemi kbar li tinsab fihom l-attrici. In oltre, l-konvenut umilment jemmen li l-istess attrici rikonvenzjonata ghandu jkollha access taht supervizjoni u dan kif diga` kellha fil-passat ghall-uliedha l-ohra;

10) Illi l-konvenut umilment jemmen illi jekk l-attrici rikonvenzjonata jkollha l-kura u kustodja tal-minuri, l-imsemmi minuri jista' jghaddi u jbati minn trawmi bhal ma ghaddew u batew l-ulied l-ohra tal-istess attrici rikonvenzjonata. In oltre, l-konvenut umilment jemmen illi jekk huwa jissoministra xi manteniment lill-attrici, dan il-manteniment ma jigix uzat ghall-bzonnijiet tal-minuri, izda jintuza ghall-affarijiet ohra mill-attrici rikonvenzjonata bhal hlasijiet tad-djun;

11) Illi l-konvenut, ghal kull buon fini jirrileva illi huwa lest li jerfa' kull piz finanzjarju ta' ibnu l-minuri, kemm bhala spejjez straordinarji u kif ukoll lest li jaghmel kwalsiasi sagrificcju ghal kull ma jista' jkollu bzonn ibnu l-minuri;

Ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti :

1) Tafda lilu l-kura u kustodja tal-minuri, E u l-istess minuri jibda jabita fir-residenza tal-konvenut;

2) Takkorda lilu kull dritt li tippermetti l-ligi sabiex ikun jista` jiehu hsieb l-imsemmi minuri, meta dan ghad ghandu tlettax-ilxahar biss

3) Tawtorizzah li bhala konsegwenza li jiehu kull beneficcju, specjalment finanzjarju, spettanti lill-minuri sabiex ikun jista' jamminstra l-interessi tal-minuri u dan peress li l-istess attrici mhijiex idonea sabiex tamministra dawn il-benficcji;

4) Takkorda kull dritt lilu li tippermetti l-ligi u dan a` vantagg u interess ta' l-istess minuri;

5) Jinghata access lill-omm taht supervizjoni;

u dan wara li jinghataw dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u oppurtuni..

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenzjonata, minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat ir-risposta guramentata ta’ l-attrici rikonvenzjonata li in forza taghha eccepiet :

1. Illi hija sorpriza kif, wara li fis-seduta ta’ l-24 ta’ Frar, 2009, gie ivverbalizzat ftehim dettaljat dwar il-kura u kustodja, access u manteniment ghall-minuri, quddiem din l-Onorabbli Qorti, jintavola risposta u sahansitra kontro-talba. Hija fil-fatt tissuspetta li l-konvenut dawwar il-hsieb meta kkonsulta ma ommu li tikkomporta ruhha daqs li l-minuri E huwa taghha u ghandha dritt trabbih hi;

2. Illi l-esponenti tichad bl-iktar mod assolut li hija mhijiex idonea biex trabbi tfal u kieku stess il-konvenut jemmen dan ma kienx jivverbalizza ftehim fejn il-minuri kien ser jirresjedi ma l-esponenti.

3. Illi l-esponenti tichad bl-iktar mod assolut li hija qatt ghamlet uzu ta’ droga u l-allegazzjoni tal-konvenut rikonvenzjonanti hija ghal kollox malizjuza u in male fede;

4. Illi l-attrici rikonvenzjonata tichad ukoll bl-iktar mod assolut li hija kkawzat xi feriti fuq il-minuri jew li sabitu fil-pram kif qed jallega malizjozament il-konvenut rikonvenzjonanti u fil-fatt l-istess konvenut kien ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija f’dan is-sens, biex jilqa’ ghar-rapport li kienet ser taghmel l-attrici dwar vjolenza li soffriet minn taht idejn il-konvenut, din l-akkuza kienet twaqqghet.

5. Illi huwa minnu li l-konvenuta ghandha erbat itfal ohra, tlieta minnhom – L, M u N huma ulied taghha u ta’ zewgha O B. Bintha P twieldet minn relazzjoni li l-attrici kellha wara li sseparat minn ma zewgha. Il-konvenut rikonvenzjonanti ukoll ghandu tifel miz-zwieg tieghu ma F D, li bilkemm jarah.

6. Illi filwaqt li huwa minnu li kienet inharget care order fuq dawn it-tfal, il-konvenut jaf sew li r-raguni kienet allegat abbuz mill-partner li kellha l-esponenti dak iz-zmien u li l-esponenti ma kienitx involuta f’dan l-abbuz. Ir-

ragunijiet l-ohra li semma' l-konvenut rikonvenzjonanti huma invenzjoni tieghu. Il-konvenut dan jafu sewwa ghax huwa kien jattendi ghar-review sessions u dejjem iddefenda lill-attrici rikonvenzjonata.

7. Illi minkejja li nharget il-care order, l-attrici dejjem baqghet tithabat biex terga' tghaqqad il-familja u fil-fatt iz-zewgt itfal il-kbar issa regghu qed jghixu maghha.

8. Illi ghar-rigward ta' l-allegazzjoni dwar bint l-attrici X (14-il sena) din hija esagerazzjoni u mhux minnu lil hija ppruvat taqbez mit-tieqa ta' l-iskola. Filwaqt li huwa minnu li X kienet ghaddejja minn perjodu hazin, minhabba dak li kienet ghaddejja minnu meta ma kienitx tghix ma' l-attrici, hija gejja ghall-ahjar u anki l-medikazzjoni li kienet qed tiehu issa tnaqqsitilha. Dan il-fatt juri l-effett posittiv li kellu l-fatt li hija regghet lura ma l-attrici rikonvenzjonata;

9. Ili l-attrici rikonvenzjonata tghix f'appartament bi tlett ikmamar tas-sodda li huma mghammar b'dak kollu li hemm bzonn. Fil-fatt il-konvenut ma kellu l-ebda problemi jghix fih ghal perjodu ta' sena u nofs u ma kellux problemi li ibnu jitrabba f'dan il-post sakemm ma sfaxxatx ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet.

10. Illi l-konvenut rikonvenzjonanti qed jezegera u jonfoh il-problemi finanzjarji li ghandha l-attrici rikonvenzjonata. Fil-fatt id-dejn li ghandha huma kontijiet pendenti ma tal-grocer, mal-Kummissarju ta' l-Artijiet u tal-Korporazzjon tad-Dawl u Ilma u qed taghmel li tista biex thallas dawn il-kontijiet ftit ftit. Prezentement hija mhijiex f'posizzjoni li tohrog tahdem full-time minhabba li l-minuri E ghadu zghir wisq u ghalhekk qed tiddependi fuq l-assistenza socjali. Certament il-prolungazzjoni inuti ta' dawn il-proceduri da parti tal-konvenut rikonvenzjonanti mhuwiex qed jghin is-sitwazzjoni.

Ghalhekk it-talbiet kollha tal-konvenut rikonvenzjonanti ghandu jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut rikonvenzjonanti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata;

Rat ix-xiehda kollha li tressqet, il-provi li gew esebiti, id-dokumenti li gewipprezentati u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota konguntiva tal-attur u tal-konvenuta tal-14 ta' Gunju 2011 illi permezz taghha il-partijiet infurmaw lill-Qorti illi kienu lahqu qbil dwar kif ghandha tigi deciza din il-kawza.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mill-ewwel talba attrici billi tafda il-kura u il-kustodja tal-minuri E f'idejn l-attrici u il-konvenut konguntivament u b'dan illi ir-residenza tal-minuri tkun mal-attrici u l-access tal-konvenut ikun skond kif indikat ir-rapport ta' Josette Camilleri u cioe' meta l-attrici ikun imissha xoghol tiehu lil binha minuri ghand il-konvenut gurnata qabel fis-sebgha ta' filghaxija u tigbru wara x-xoghol fl-4.00p.m. Jekk ikollha xoghol jumejn, jew aktar fuq xulxin tigbor lit-tifel fl-4.00p.m. ta' l-ahhar gurnata li tkun xoghol. Meta l-attrici ma tkunx xoghol matul il-gimgha (mit-Tnejn sal-Gimgha) - tigbor lil binha minuri minghand il-konvenut gurnata qabel fl-4.00p.m. u tirritornah lill-konvenut fis-7.00p.m. tal-gurnata ta' qabel li hi tidhol ghax-xoghol.

Illi b'zieda, il-partijiet qablu u ghalhekk il-Qorti tordna illi l-konvenut ghandu jkollu access ghall-minuri fi tmien il-gimgha, u dan mill-Gimgha sas-Sibt jew mis-Sibt ghall-Hadd u dan dejjem mill-hamsa ta' wara nofsinhar sal-hamsa ta' wara nofsinhar l-ghada b'mod li jalterna kull gimgha. F'kaz li l-minuri jkun ma jiflahx, dan ghandu jibqa ghand dak il-genitur li jkun ghandu sakemm jirkupra b'dan illi jekk il-konvenut ikun tilef xi gurnata ta' l-access, ghandu jinghata granet alternattivi fejn ikun jista jezercita l-access minflok dawk mitlufin u f'kaz illi t-tifel ikun baqa' ghand il-konvenut, l-istess konvenut ghandu jcedi numru ta' granet ekwivalenti ghaz-zmien li t-tifel jkun ghadda mieghu sakemm kien ma jiflahx.

Illi l-partijiet qablu u il-Qorti tordna illi l-attrici ma toggezzjonax illi l-minuri jattendi skola tal-Knisja u

ghalhekk il-Qorti tordna lill-attrici illi ghandha tiffirma kwalsiasi dokument ghal dan l-iskop b'dan illi il-konvenut huwa obbligat li jkopri l-ispejjez kollha konnessi ma l-edukazzjoni tal-minuri.

Il-Qorti tilqa t-tieni talba attrici u tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici is-somma ta' mija u tletin ewro (€ 130) fix-xahar ghall-minuri E D li jidhlu direttament fil-kont bankarju tal-attrici.

Il-Qorti finalment qeghda tahtar social worker mill-agenzija appogg ghall-perjodu ta' sitt xhur sabiex tissorvelja il-kaz u taccerta li s-sentenza tal-Qorti qeghda tigi segwita, taccerta li l-attrici tibqa izomm il-kuntatt taghha ma l-agenzija appogg, tghin lill-partijiet jaddattaw ghas-sitwazzjoni gdida li jinsabu fiha u taccerta li l-aqwa interess tal-minuri qed jigu imharsa.

Il-Qorti tordna li l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------